## **It-Traffiku fil-Morali**

Qatt ħsibtu fuq is-sinjali tat-traffiku? Jimlew it-toroq tagħna. Jidderiġuna. Jgħarrfuna minn qabel bil-perikli. Fejn hemm liwjiet perikolużi, jgħidulna innaqsu il-velocita'; fejn hemm kantuniera li xxekkel il-vista, titwaħħal mera. Fit-toroq prinċipali twaħħlu l-"speed cameras" ħalli ngħarfu nżommu kontroll fuq il-pedala; it-toroq dojoq tista' tgħaddi minnhom f'direzzjoni waħda; u sabiex l-ipparkjar isir bl-ordni hemm iz-zebgħa ma' l-art biex kulħadd iqiegħed il-vettura tiegħu fil-kaxxa miżbugħa; il-linji doppji sofor mal-kantuniera ma jħalluniex inqiegħdu il-vettura fil-kantuniera ħalli ma noħolqux perikli għal ħaddieħor; u biex dan kollu jiġi osservat ħloqna il-gwardjani lokali!

Hawn xi ħadd li jikkontesta il-ħtieġa ta' dawn is-sinjali? Hawn xi ħadd li tiġih f'moħħu li jżarma s-sinjali tat-traffiku f'pajjiżna? Le.

Iżda fil-morali rridu l-liberta'; jew għalina jew għal ħaddieħor. Ma rridux xkiel. Ma rridux sinjali tat-traffiku fil-morali. Irridu liberta' bla rażan u ċensura fuq dak li naraw fit-televiżjoni u fiċ-ċinema; fuq dak li naqraw fil-ħwienet tal-kotba; xejn ċensura fuq kif nitkellmu u nesprimu ruħna. Kważi saret moda li biex tbiegħ prodott trid bil-fors l-immaġini tal-persuna femminili, mhux dejjem f'dehra li tixraq id-dinjita' femminili.

Li jekk tgħid li hemm bżonn ir-rażan, jgħajruk antikwat u dik il-kelma komuni "dejjaq." L-Iżball forsi, fi ċrieki tal-Knisja u l-għaqdiet tagħha, huma li forsi aħna nagħtu wisq importanza fuq ir-rażan u regoli f'materji li għandhom x'jaqsmu mas-sess u s-sesswalita', u forsi ninjoraw oqsma oħra; bħalma ngħidu aħna il-kummerċ.

Kollox hu leċitu fil-kummerċ? Jekk il-Knisja u l-fidi tagħna timponi regoli fil-qasam ta' l-emozzjonijiet u l-passjonijiet tal-ġisem, ma tgħallimx ukoll razan f'oqsma oħra?

Ħafna minn dawn ir-regoli ninsewhom. Min qatt isemmi it-tagħlim ta' l-iskop soċjali tal-proprjeta' anki dik privata? Kemm nisimgħu fil-knejjes, l-oratorji, is-sede tal-għaqdiet tagħna dwar il-profitti eċessivi; qliegħ esaġerat fil-bejgħ tal-proprjeta', fil-mediċini, fis-servizzi legali li jolqtu lil kulħadd, iżda l-iktar lil min hu l-iktar fil-bżonn!

Dan it-tip ta' sfruttament hu "dnub" daqskemm hu dnub is-sewqan eċċessiv li jista' jpoġġi fil-periklu il-ħajja ta' ħaddieħor; daqskemm hu 'dnub' il-qerda ta' l-ambjent għal xejn b'xejn, b'mod li nheddu d-drittijiet ta' ġenerazzjonijiet futuri li jkollhom ambjent li jixraq.

Insemmu ħafna d-dnubiet tal-passjonijiet; iżda ninsew ħafna drabi il-passjoni tal-korla, tar-rgħiba, ta' l-għira, tal-mibegħda. Kemm –il darba aħna ma nkunu qatt kuntenti  b'li għandna u li l-Mulej għoġbu jagħtina, u nixxenqu għal ħwejjeġ ħaddieħor. Innotaw li l-għaxar kmandamenti jikkundannaw ukoll is-sempliċi xewqa li tieħu dak li mhux tiegħek. U f'din l-għira għal dak li għandu ħaddieħor, ħafna drabi ma nindunawx bil-barkiet li huma mogħtija lilna.

U kemm forom tista' tieħu il-passjoni tal-mibegħda; il-kalunja per eżempju; dik ix-xniegħa mibdija minna minn taħt l-ilsien b'ħafna ma'idejna li minn xrara żgħira malajr tinbidel f'nar jaqbad li jixtered malajr u jħalli ħafna ħsara.

Dawn m'humiex ukoll dnubiet u passjonijiet li għandhom jiġu kontrollati? għalxejn nitkarbu dwar "il-kriżi tal-valuri" jekk aħna stess, li issa ngħoddu mal-kbar, ma nikkontrollawx id-dnubiet "tal-kbar", flok nitkażaw fuq in-nuqqasijiet "taż-żgħar."

**TONIO BORG**
01/01/06